# Minuti tad-disgħa u ħamsin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter

Id-59 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar il-Ħamis, 25 ta' Settembru, 2014.

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Iċ-*Chairperson*, is-Sur Mario Bartolo, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia, u l-membri s-Sur Norman Clews, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Nicholas Azzopardi.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tat-58 laqgħa tal-Kumitat ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata miċ-*Chairperson*.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Luciano Farrugia tkellem dwar ix-xogħol ta' tarmak fi Triq Dun Salv Sciberras u qal li f'din it-triq qiegħed isir sewqan eċċessiv kif qiegħed isir ukoll f'parti minn Triq l-Għakrux.

Iċ-*Chairperson* qal li kien tkellem mal-Perit Matthew Briffa dwar il-ħtieġa li jsiru road humps fit-triq. Iċ-*Chairperson* qal li l-aktar *road hump* li hemm bżonn li ssir hi dik fi Triq Dun Salv Sciberras ma' Triq l-Għakrux.

Dwar il-possibilità li t-triq tiġi *one way* is-Sur Farrugia qal li jekk dan isir, it-traffiku jkun qed jiġi devjat għal toroq oħra u din tista' toħloq inkonvenjent għal residenti oħra. Is-Sur Farrugia ppropona li jsir studju ta' *traffic management* fiż-żona biex qabel ma jsir xi tibdil, il-Kumitat ikollu stampa ċara ta' kif ser tkun qiegħda tinbidel is-sistema tat-traffiku fiż-żona.

Is-Sur Farrugia qal ukoll li wiehed irid iżomm f'mohhu l-fatt illi n-numru ta' residenti ser ikunu qieghed jiżdied bil-bini ta' appartamenti u binjiet ġodda. Is-Sur clews issekonda l-proposta tas-Sur Farrugia u kulhadd qabel.

Is-Sur Bartolo qal li Transport Malta kienet ser taghmel ir-*road markings* fit-toroq fejn inghata t-tarmak.

Is-Sur Farrugia qal li xi residenti wrew ix-xewqa li jsir *bus stop* fi Triq ix-Xghajra ma' Triq l-Ghakrux. Iċ-*Chairperson* issuġġerixxa li qabel ma jsir dan il-*bus shelter*, il-Kumitat jindaga dwar l-introduzzjoni tar-rotta l-ġdida nru 120 li issa suppost ghandha tibda tghaddi minn St Peter.

Iċ-Chairperson qal li kien tkellem mal-Perit Briffa dwar il-htieġa li jsiru fjuri fis-soft areas kif ukoll ġiet diskussa l-possibilità li ssir *one way* hdejn il-hanut Bontà Confectionery.

Item 4 – Korrispondenza

Ma kienx hemm korrispondenza.

Item 5 – Xoghol tal-Kumitat

Is-Sur Farrugia ppropona li l-Kumitat jaghmel tabelli li jindikaw il-konfini tal-Kumitat Amministrattiv St Peter. Is-Sur Azzopardi ssekonda l-proposta tas-Sur Farrugia u l-Kumitat qabel unanimament. Iċ-*Chairperson* tkellem dwar il-kundizzjoni ta' Triq in-Nahla u ppropona li l-Kumitat jitlob l-ghajnuna tal-Gvern Ċentrali biex din it-triq tiġi *resurfaced*. Iċ-*Chairperson* talab ukoll li jiġu rranġati tabelli ta' *no parking* li hemm fit-triq. Is-Sur Farrugia ssekonda liċ-*Chairperson* u l-Kumitat qabel unanimament.

Is-Sur Bartolo fakkar dwar il-htieġa li tiġi rranġata blokka tal-hajt li tressqet mill-kuntrattur E & S Mifsud fi Triq l-Ghakrux ma' Triq il-Farfett tal-Fejġel u li tiġi rranġata l-bankina fi Triq San Leonardu minn hdejn il-garaxxijiet sal-*pitch* tal-boċċi.

Iċ-*Chairperson* semma l-possibilità li titnehha siġra li hemm maġenb il-*pitch* tal-boċċi. Il-Kumitat ma qabilx li din ghandha tinqala' biex minflok isiru *parking bays*.

Fuq proposta tas-Sur Azzopardi li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, il-Kumitat qabel unanimament li l-*bring-in-sites* jitressqu ghal Triq San Leonardu faċċata ta' Triq iż-Żaghrun filwaqt li l-Kumitat iġib l-istima biex jinbidel il-hajt li hemm f'parti minn Triq San Leonardu.

Is-Sur Clews ippropona li l-Kumitat Amministrattiv iġib l-approvazzjoni biex fl-iqsar żmien isiru r-*road humps* tant bżonnjużi fi Triq San Leonardu minhabba sewqan eċċessiv li jsir fit-triq.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.10 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-60 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 25 ta', Settembru, 2014.

Mario Bartolo
*Chairperson*